MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 9/1991/1

Rikors Nru: 9/91

Mario Lombardi, f'ismu proprju u bhala prokuratur ta l-assenti Josephine Myers u Edgar Lombardi, Elio Lombardi u Salvino Lombardi u permezz ta nota assumiet l-atti tal-kawza Josephine Myers fid-9 ta Gunju 1994

Vs

Kummissarju ta l-Artijiet

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-istess Mario Lombardi et li jesponu bir-rispett:

Illi b'ittra ufficjali tas-17 ta Settembru 1991, l-intimat ghall-finijiet u effetti ta' l-Att dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini, Numru 1 tal-1983, innotifika lill-esponenti b'kopja ta Risoluzzjoni approvata mill-Parlament fl-4 ta Lulju 1983 li tirrigwarda diversi Arei ghall-Izvilupp tal-Bini, flimkein ma

pjanta tal-area tan-Naxxar, mill-liema area in effetti l-esponenti kollha flimkien u indivizament bejniethom ghandhom bicca art ossija interess fuq bicca art.

Illi in realta l-esponenti huma proprjetarji ta l-ghalqa murija fil-pjanta kif stabbilit fil-kuntratt tal-15 ta Novembru 1974 atti Nutar Anthony Gatt, li kopja legali tieghu qed tigi hawn annessa (Dokument 'A');

Illi l-esponenti qeghdin jirrikorru lil dan il-Bord biex jigi lilhom stabbilit il-kumpens xieraq ghall-imsemmija esproprjazzjoni tal-art 'de quo' skond l-Att tal-1983;

Illi skond il-prezz korrenti fis-suq kif valutat mill-arkitett Anthony Fenech Vella l-art in kwistjoni tiswa Lm28,700 (Dokument 'B')

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi l-kumpens xieraq dovut lilhom mill-intimat ghall-akkwist ta l-imsemmija art, li f'kull kaz ma ghandux ikun inferjuri ghall-Lm28,700 u konsegwentement jordna u jikkundanna lill-intimat Kummissarju ta l-Artijiet ihallas lill-esponenti dak il-kumpens hekk likwidat minn dan il-Bord.

Ra l-ittra ufficjali tas-17 ta Settembru 1991 (fol 29) tal-Kummissarju ta l-Artijiet li tghid:

Illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-Att dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini, Nru. 1 tal-1983 u partikolarment a tenur tal-Artikolu 10 tal-istess Att, permez ta din l-ittra ufficjali qed ninnotifikalek kopja ta Risoluzzjoni (Dok A) li giet approvata mill-Parlament fl-4 ta Lulju 1983 u li tirrigwarda diversi Arei ghall-Izvilupp tal-Bini, flimkien ma Pjanta tal-area tan-naxxar (Dok B) mill-liema area inti ghandek jew jista ghandek xi bicca art jew xi interess fuq xi bicca art.

Illi il-mittent jgharrfek illi skond l-Artikolu 5 (3) ta l-imsemmi Att inti ghandek dritt li tmur quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet sabiex jigi deciz il-jedd jew l-interess li inti ghandek fuq xi parti tal-imsemmija art, kif ukoll l-ammont

ta kumpens li ghalih inti jista jkollok jedd, u sabiex tikseb il-hlas ghal dak il-kumpens.

Sema xhieda bil-gurament

Ra l-atti u d-dokumenti kollha

Ikkonsidra,

1. Skond l-Att dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini (Att numru 1 tal-1983) r-rikorrenti iridu jippruvaw it-titolu taghhom ghall-qasam
2. Mill-qasma tal-gid tal-familja fl-atti tan-nutar Dottor Anthony Gatt tal-15 ta Novembru tas-sena 1974 (fol 7 – 28) jirrizulta li l-art hi propjeta tar-rikorrenti Mario Lombardi u ta hadd izjed minkejja dak li xehed hu. Jidher li ttiehed zball, forsi minn nuqqas ta taghrif, fl-ittra ufficjali tas-17 ta Settembru 1991 li _________
Ghalhekk il-Bord qed jiddeciedi li l-art hi propjeta ta Mario lombardi.
Ra d-digriet tieghi li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC Joseph Mizzi li l-valur ta l-art espropriata hu sebna mijau sittin lira Maltija (Lm760).
Ghalhekk il-Bord jiffissa l-kumpens dovut lil Mario Lombardi, ghat-tehid ta l-art tas-Sghajtar, kontrada ta Wied Bordi n-Naxxar skond il-pjanta mehmuza a fol 95 kif ukoll li delineata b'lewn orancju markata bhala plot 13 fuq il-pjanta LD 1277/83 (part of) tal-kejl ta cirka 1918.72 M kwadri jew 1T 4S 3.22K fl-ammont ta seba mija u sittin lira Maltija (Lm760). Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-Nutar li jkun qed jaghmel floku biex jippubblika l-att opportun fl-Ufficcju ta l-intimat nhar 20 ta Jannar 2006 fid-9.00; jahtar ukoll lil avukat Dottor Karl Briffa biex jidher fl-att ghall-kontumaci li ghandu jigi mgharraf mill-intimat b'din il-hatra. Spejjez jithallsu mill-intimat. Ir-rapport tal-periti jaghmel parti shiha minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------